



Brussell, 27.3.2013
COM(2013) 160 final

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-BANK ĊENTRALI EWROPEW, LILL-KUMITAT
EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE

Ghodka għall-promozzjoni ta' ġustizzja u tkabbir effettivi

INTRODUZZJONI

Il-kriżi ekonomika u finanzjarja li għaddejja fl-UE kienet ta' katalist għal bidliet profondi. L-impatt tagħha jista' jiġi osservat fir-ristrutturar tal-ekonomiji nazzjonali biex titwitta t-triq għat-tkabbir u l-kompetittività.

F'dan il-proċess ta' riforma, is-sistemi ġudizzjarji nazzjonali għandhom rwol importanti biex terġa' tinkiseb il-fiduċja u terġa' tinqabad it-triq lejn it-tkabbir. Sistema ġudizzjarja effiċjenti u indipendenti tikkontribwixxi għall-fiduċja u l-istabbiltà. Deċiżjonijiet ġudizzjarji prevedibbli, f'waqthom u infurzabbli huma komponenti strutturali importanti għal ambjent attraenti għan-negozju. Dawn isostnu l-kunfidenza għall-ftuħ ta' negozji, l-infurzar ta' kuntratt, is-saldu tad-dejn privat jew il-protezzjoni tal-proprjetà u ta' drittijiet oħrajn.

L-esperjenza fl-Istati Membri soġġetti għall-Programmi ta' Aġġustament Ekonomiku¹ turi li nuqqasijiet fl-operat ta' sistema ġudizzjarja jżidu l-effett negattiv fuq it-tkabbir u jtellfu l-fiduċja taċ-ċittadini u l-intrapriżi fl-istituzzjonijiet tal-ġustizzja. Għal din ir-raġuni, fl-2011, ir-riformi ġudizzjarji nazzjonali saru parti integrali tal-komponenti strutturali f'dawn il-programmi.

It-titjib fil-kwalità, l-indipendenza u l-effiċjenza tas-sistemi ġudizzjarji huwa prijorità fis-Semestru Ewropew ukoll, iċ-ċiklu annwali l-ġdid tal-UE għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika². Fl-2012, ġew identifikati sitt Stati Membri³ li għandhom ċerti diffikultajiet, speċjalment fir-rigward tat-tul tal-proċedimenti ġudizzjarji u l-organizzazzjoni tal-ġudikatura.

L-effettività tas-sistemi ġudizzjarji nazzjonali hija kruċjali għall-UE

L-aċċess għal sistema ġudizzjarja effettiva huwa dritt essenzjali li fuqu huma msawra d-demokrazzi Ewropej u minqux fit-tradizzjonijiet kostituzzjonali li huma komuni għall-Istati Membri. Huwa kruċjali għall-effettività tal-liġijiet kollha tal-UE, b'mod partikolari għall-liġijiet ekonomiċi tal-UE li jikkontribwixxu għat-tkabbir. Pereżempju, il-qrati nazzjonali għandhom rwol essenzjali fl-infurzar tal-liġijiet tal-UE dwar il-kompetizzjoni⁴ u leġiżlazzjoni oħra tal-UE kruċjali għas-Suq Uniku⁵, b'mod partikolari fl-oqsma tal-komunikazzjoni elettronika⁶, il-proprjetà intellettwali⁷, l-akkwist pubbliku⁸, l-ambjent⁹ jew il-ħarsien tal-konsumatur¹⁰.

¹ EL, IE, LV, PT.

² Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni, Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2013 COM(2012) 750 finali.

³ BG, IT, LV, PL, SI, SK.

⁴ Eż. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (ĠU L 1, 4.1.2003, p. 1–25).

⁵ Eż Id-Direttiva 2000/31/KE dwar il-kummerċ elettroniku (ĠU L 178, 17.7.2000, p. 1–16).

⁶ Eż Id-Direttiva Qafas 2002/21/KE dwar networks u servizzi ta' komunikazzjoni elettroniċi (ĠU L 108, 24.4.2002, p. 33–50).

⁷ Eż Id-Direttiva 2004/48/KE fuq l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (ĠU L 157, 30.4.2004, p. 45–86).

⁸ Eż Id-Direttiva 2007/66/KE fir-rigward tat-titjib fl-effettività ta' proċeduri ta' revizzjoni dwar l-għoti ta' kuntratti pubbliċi (ĠU L 335, 20.12.2007, p. 31–46).

Kull meta qorti nazzjonali tapplika l-leġiżlazzjoni tal-UE, hija taġixxi bħala ‘qorti tal-Unjoni’ u trid tipprovdi protezzjoni ġudizzjarja effettiva lil kulħadd, kemm liċ-ċittadini kif ukoll lill-intrapriżi, li jkunu nkisru drittijiet tagħhom li huma ggarantiti fil-liġi tal-UE. L-importanza ta’ dan id-dritt għal rimedju effettiv hija minqusa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (Artikolu 47).

Sistemi ġudizzjarji effettivi huma indispensabbli wkoll għat-tisħiħ tal-fiduċja reċiproka meħtieġa għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-UE bbażati fuq ir-rikonoxximent reċiproku u l-kooperazzjoni. F’konformità mal-Artikolu 67(1) tat-TFUE, l-Unjoni għandha tkun tikkostitwixxi żona ta’ ġustizzja fir-rigward tas-sistemi u t-tradizzjonijiet legali differenti tal-Istati Membri. Iċ-ċittadini, in-negozji, l-imħallfin u l-awtoritajiet huma mistennija jafdaw, jirrispettaw, jirrikonoxxu jew iwettqu d-deċiżjonijiet meħuda mis-sistema ġudizzjarja fi Stat Membru ieħor.

Għaldaqstant, in-nuqqasijiet fis-sistemi ġudizzjarji nazzjonali mhumiex biss problema ta' xi Stat Membru partikolari, iżda jistgħu jaffettwaw il-funzjonament tas-Suq Uniku u, b’mod aktar ġenerali l-UE kollha kemm hi.

Il-ħtieġa ta’ ħarsa ġenerali sistematika

Fl-Istħarriġ Annwali tagħha dwar it-Tkabbir tal-2013¹¹, il-Kummissjoni Ewropea saħqet fuq l-importanza li jitjiebu l-kwalità, l-indipendenza u l-effiċjenza tas-sistemi ġudizzjarji nazzjonali. Qabel ikunu fformulati Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi f’dan il-qasam, hemm bżonn tingħata ħarsa ġenerali sistematika lejn il-funzjonament tas-sistemi ġudizzjarji fl-Istati Membri kollha, waħda li tqis bis-sħiħ it-tradizzjonijiet legali nazzjonali differenti. Hemm bżonn ta’ dejta oġġettiva, affidabbli u paragonabbli biex jiġu sostnuti r-riformi fil-ġustizzja għal tkabbir imġedded.

1. X’INHI T-TABELLA TA’ VALUTAZZJONI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UE?

L-għan tat-Tabella ta’ Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE (“it-Tabella ta’ Valutazzjoni”) huwa li tassisti lill-UE u l-Istati Membri fil-kisba ta’ ġustizzja aktar effettiva billi tipprovdi dejta oġġettiva, affidabbli u paragonabbli dwar il-funzjonament tas-sistemi ġudizzjarji tal-Istati Membri kollha. Il-kwalità, l-indipendenza u l-effiċjenza huma l-komponenti ewlenin ta’ “sistema ġudizzjarja effettiva”. L-għoti ta’ informazzjoni dwar dawn il-komponenti fl-Istati Membri kollha jikkontribwixxi sabiex jiġu identifikati nuqqasijiet potenzjali u eżempji tajbin u jappoġġja l-iżvilupp ta’ politika dwar il-ġustizzja fuq livell nazzjonali u tal-UE.

Il-karatteristiċi ewlenin tat-Tabella ta’ Valutazzjoni huma:

⁹ Ir-rwol tal-qorti nazzjonali huwa enfasizzat fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Liġi Ambjentali tal-Komunità Ewropea, COM (2008) 773 finali.

¹⁰ Eż Id-Direttiva 2011/83/KE dwar drittijiet tal-konsumatur (ĠU L 304, 17.7.2000, p. 64-88).

¹¹ COM(2012) 750 finali.

- hija għodda komparattiva li tkopri l-Istati Membri kollha¹². Ikun xi jkun il-mudell tas-sistema gūdzizzjarja nazzjonali jew it-tradizzjoni legali li tkun msejsa fuqha, il-puntwalità, l-indipendenza, l-affordabbiltà, u l-aċċess faċli huma uħud mill-parametri essenzjali ta' dak li jagħmel sistema gūdzizzjarja effettiva. Filwaqt li t-Tabella ta' Valutazzjoni tinkludi paragun dwar indikaturi partikolari, din mhijiex maħsuba biex tippreżenta gradazzjoni ġenerali unika jew biex tippromwovi xi tip partikolari ta' sistema gūdzizzjarja;
- hi għandha l-għan li tippreżenta x-xejriet tal-funzjonament tas-sistemi gūdzizzjarji nazzjonali fuq perjodu ta' żmien. Fl-2013, it-Tabella ta' Valutazzjoni tippreżenta dejta għall-ewwel darba u mhux bilfors tirrifletti l-effetti tar-riformi li qed isiru f'ċerti Stati Membri¹³. Peress li t-Tabella ta' Valutazzjoni hija eżerċizzju regolari, dawn l-effetti jistgħu jibdeu ifeġġu fit-Tabelli ta' Valutazzjoni tal-ġejjieni;
- hija għodda mhux vinkolanti, li għandha titħaddem bħala parti minn djalogu miftuħ mal-Istati Membri bil-għan li tgħin lill-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE fid-definizzjoni ta' politiki gūdzizzjarji aħjar. Tikkontribwixxi sabiex jiġu identifikati kwistjonijiet li jistħoqqilhom attenzjoni partikolari. Prestazzjoni ħażina li tkun ġiet żvelata mill-indikaturi teħtieġ analiżi aktar profonda tar-raġunijiet li wasslu għar-riżultat, u fejn ikun meħtieġ, impenn għal riformi xierqa, filwaqt li jitqies li l-komparabbiltà tad-dejta tista' tkun limitata minn differenzi fil-proċeduri u l-oqfsa legali;
- hija għodda li qiegħda tevolvi li pass wara pass sejra tespandi fl-oqfsa koperti, l-indikaturi u l-metodoloġija, bil-għan li jiġu identifikati l-parametri essenzjali ta' sistema gūdzizzjarja effettiva. Fi djalogu mal-Istati Membri, it-Tabella ta' Valutazzjoni tista' progressivament tkopri oqfsa oħra mis-sistemi gūdzizzjarji u elementi oħrajn fil-'katina tal-ġustizzja' li persuna jew kumpanija trid tgħaddi minnhom biex tikseb ġustizzja effettiva (eż. mill-fażi inizjali tad-dħul fis-sistema gūdzizzjarja sal-fażi finali tal-eżekuzzjoni ta' sentenza).

Fid-dawl tal-importanza tas-sistemi gūdzizzjarji nazzjonali għall-ekonomija, **il-kamp ta' applikazzjoni** tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-2013 jiffoka fuq il-parametri ta' sistema gūdzizzjarja li tikkontribwixxi għat-titjib fil-klima tan-negozju u l-investment. It-Tabella ta' Valutazzjoni teżamina l-indikaturi tal-effiċjenza għal kawżi mhux kriminali, u b'mod partikolari għal kawżi ċivili u kummerċjali kontenzjużi, li huma rilevanti biex jiġi solvut tilwim kummerċjali, u għal kawżi amministrattivi. Il-ġustizzja amministrattiva għandha rwol importanti f'ambjent tan-negozju, perżempju fir-rigward tal-għoti ta' liċenzji jew għal tilwim mal-amministrazzjoni fuq it-tassazzjoni jew mal-korpi regolatorji nazzjonali.

Għat-tnejn ta' din Tabella ta' Valutazzjoni, il-Kummissjoni Ewropea talbet lill-Kunsill tal-Kummissjoni Ewropea għall-Evalwazzjoni tal-Effiċjenza tal-Ġustizzja (CEPEJ) biex jiġbor

¹² Meta ma jkunx hemm dejta nazzjonali disponibbli, dan jiġi indikat fil-grafiki rilevanti.

¹³ Ħafna Stati Membri huma fil-proċess li jimplementaw miżuri biex itejbu l-funzjonament tas-sistemi gūdzizzjarji tagħhom. Fi 12-il Stat Membru, dawn ir-riformi kienu żviluppatti fil-kuntest tal-inizjattivi u l-istrumenti tal-UE (Programmi ta' Aġġustament Ekonomiku, Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi fi ħdan is-Semestru Ewropew u l-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni u Verifika).

dejta u jwettaq analizi¹⁴. Il-Kummissjoni Ewropea użat l-aktar dejta rilevanti u sinifikanti biex toħroġ din it-Tabella ta' Valutazzjoni. It-Tabella ta' Valutazzjoni tuża wkoll dejta minn sorsi oħrajn, bħall-Bank Dinji, il-Forum Ekonomiku Dinji u l-Proġett Dinji tal-Ġustizzja.

2. INDIKATORI TAT-TABELLA TA' VALUTAZZJONI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UE GĦALL-2013

FI-2013, it-Tabella ta' Valutazzjoni tippreżenta s-sejbiet ewlenin ibbażati l-iktar fuq l-indikaturi relatati mal-effiċjenza tal-proċedimenti: it-tul tal-proċedimenti, ir-rata tal-ikklirjar, u n-numru ta' kawżi pendenti¹⁵.

- **It-tul tal-proċedimenti** juri ż-żmien (f'jiem) meħtieġ biex tiġi solvuta kawża l-qorti, jiġifieri ż-żmien sabiex il-qorti tiegħu deċizzjoni fl-ewwel istanza. L-indikatur taż-żmien għat-tlestija' huwa n-numru ta' kawżi mhux solvuti diviż bin-numru ta' kawżi solvuti sa tmiem is-sena mmultiplikab bi 365 jum.
- **Ir-rata tal-ikklirjar** hija l-proporzjon tan-numru ta' kawżi solvuti meta mqabbel man-numru ta' kawżi li jkunu deħlin. Hija tkejjel jekk qorti hijiex tlaħħaq mal-ammont ta' kawżi li jkunu qegħdin jidhulha. Meta r-rata tal-ikklirjar tkun baxxa u t-tul tal-proċedimenti jkun twil, jiżviluppa xogħol b'lura fis-sistema.
- **In-numru ta' kawżi pendenti** juri n-numru ta' kawżi li għad iridu jiġu indirizzati fil-bidu ta' perjodu (eż. sena). In-numru ta' kawżi pendenti jinfluwenza ż-żmien għat-tlestija. Għaldaqstant, biex jitjieb it-tul tal-proċedimenti hemm bżonn li jonqos in-numru ta' kawżi pendenti.

It-Tabella ta' Valutazzjoni tkompli tistħarreġ l-indikaturi fuq ċerti fatturi li jistgħu jgħinu fit-naqqis tat-tul tal-proċedimenti u fiż-żieda tal-kwalità tal-ġustizzja: il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-attivitajiet tal-qorti, is-sistemi tat-Teknoloġija tal-Infurmazzjoni u l-Komunikazzjoni (ICT) għall-qrati, il-metodi ta' soluzzjoni alternattiva tat-tilwim u t-taħriġ tal-imħallfin. Għad li hemm ukoll bosta fatturi importanti oħrajn li jħallu impatt fuq it-tul tal-proċedimenti, b'mod partikolari l-ispeċifitàjiet u l-kumplessitàjiet tal-proċeduri, l-indikaturi msemmija hawn fuq jipprovdu informazzjoni utli li tirrifletti l-għarfien tal-Istati Membri fuq l-importanza ta' dawn il-kwistjonijiet u l-miżuri meħuda f'dan ir-rigward.

- **Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni** tal-attivitajiet tal-qrati: sabiex tittejjeb il-kwalità u l-effiċjenza tal-proċedimenti ġudizzjarji, l-attivitajiet tal-qrati għandhom jiġu mmonitorjati permezz ta' sistema komprensiva u disponibbli għall-pubbliku ta' ġbir tal-infurmazzjoni, u evalwati b'mod regolari. L-indikaturi jirriflettu d-disponibbiltà tas-sistemi ta' sorveljanza regolari tal-attivitajiet tal-qrati u s-sistemi ta' evalwazzjoni.

Is-sistemi ta' monitoraġġ jinkludu l-pubblikazzjoni ta' rapport annwali tal-attività u l-kejl tan-numru ta' kawżi li deħlin, tas-sentenzi maqtugħa, ta' kawżi posposti u tat-tul tal-proċedimenti.

¹⁴ L-istudju sħiħ fuq il-funzjonament tas-sistemi ġudizzjarji u l-funzjonament tal-ekonomija fl-Istati Membri tal-UE, imħejji fl-2012 mis-CEPEJ għall-Kummissjoni Ewropea, huwa disponibbli fuq il-websajt tad-DĠ Ġustizzja http://ec.europa.eu/justice/index_mt.htm

¹⁵ Dawn huma l-indikaturi standard iddefiniti mis-CEPEJ. Id-definizzjoni tagħhom u l-interrelazzjoni bejniethom huma disponibbli fuq http://www.coe.int/t/dghl/cooperation/cepej/evaluation/default_en.asp

L-evalwazzjoni tal-indikatur tal-attivitatijiet tal-qrati hija bbażata fuq id-disponibbiltà:

- tad-definizzjoni tal-indikaturi tal-prestazzjoni (bħal kawżi li jkunu deħlin, kawżi magħluqa, kawżi pendenti, xogħol b'lura, il-prestazzjoni tal-imħallfin u l-persunal tal-qorti, l-infurzar, il-kostijeit),
 - tal-evalwazzjoni regolari tal-prestazzjoni u r-riżultati,
 - tad-definizzjoni tal-istandards tal-kwalità (bħal politiki ta' garanzija tal-kwalità, politiki dwar ir-riżorsi umani, valur referenzjarju tal-proċedimenti, użu tar-riżorsi),
 - tal-persunal tal-qorti speċjalizzat fdat bil-politika dwar il-kwalità.
- **Sistemi tal-ICT għall-qrati:** l-użu ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni sar indispensabbli għall-effettività tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja. L-indikaturi jirriflettu d-disponibbiltà tas-sistemi tal-ICT għar-reġistrazzjoni u l-ġestjoni tal-kawżi, u għall-komunikazzjoni u l-iskambju tal-informazzjoni bejn il-qrati u l-ambjent tagħhom (eż formoli elettroniċi fuq l-internet, websajt tal-qorti, segwitu tal-kawżi fuq l-internet, reġistri elettroniċi, proċessar elettroniku ta' talbiet żgħar u rkupru ta' dejn mhux ikkontestat, sottomissjoni elettronika tat-talbiet u vidjokonferenzi).
 - **Metodi ta' Soluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim** (ADR) għall-kawżi ċivili u kummerċjali kontenzjużi: l-ADR fid-diversi forom tagħhom jistgħu jikkomplimentaw il-proċeduri ġudizzjarji tradizzjonali. Dan l-indikatur jirrifletti d-disponibbiltà tal-metodi ta' soluzzjoni alternattiva tat-tilwim.
 - **Taħriġ tal-imħallfin:** it-taħriġ tal-imħallfin, it-taħriġ inizjali u t-taħriġ kontinwu tul il-karriera tagħhom, huwa element importanti għall-kwalità u l-effettività tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji. It-taħriġ jista' jiffoka fuq l-ispeċjalizzazzjoni, iżda anki fuq it-titjib tal-ħiliet. Dan l-indikatur jipprovdi informazzjoni dwar taħriġ obligatorju tal-imħallfin.
 - **Riżorsi:** il-baġit għall-qrati, in-numru ta' mħallfin u avukati jipprovdu informazzjoni dwar ir-riżorsi użati fis-sistemi ġudizzjarji.

It-Tabella ta' Valutazzjoni tippreżenta wkoll sejbiet ibbażati fuq indikaturi relatati mal-indipendenza perċepita tas-sistema ġudizzjarja. Il-perċezzjoni tal-**indipendenza** hija importanti għad-deċiżjonijiet dwar l-investment. Fir-Rapport Globali annwali tiegħu dwar il-Kompetittività, il-Forum Ekonomiku Dinji (WEF) jagħti “indiċi tal-indipendenza perċepita” li huwa rilevanti fil-kuntest tat-tkabbir ekonomiku peress li huwa bbażat fuq s'tħarriġ imwieġeb minn kampjun rappreżentattiv meħud minn ditti mill-pajjiżi kollha u li jirrappreżentaw s-setturi ewlenin tal-ekonomija (l-agrikoltura, l-industrija tal-manifattura, l-industrija mhux tal-manifattura, u s-servizzi)¹⁶. Fil-kuntest tar-Rapport tiegħu dwar l-Indiċi tal-Istat tad-Dritt

¹⁶ L-indikatur tad-WEF huwa bbażat fuq it-tweġibiet tal-istħarriġ għall-mistoqsija: “Sa liema punt il-ġudikatura f'pajjiżek hija indipendenti mill-influwenzi tal-membri tal-gvern, iċ-ċittadini, jew id-ditti?” Skont il-pajjiż, l-istħarriġ twieġeb bejn l-2010 u l-2011 minn kampjun rappreżentattiv ta' ditti kbar u ditti oħrajn fil-pajjiżi kollha li jirrappreżentaw is-setturi ewlenin tal-ekonomija (l-agrikoltura, l-industrija tal-manifattura, l-industrija mhux tal-manifattura, u s-servizzi). It-twertiq tal-istħarriġ sar f'formati differenti, inklużi intervisti wiċċ imb wiċċ mal-eżekuttivi fin-negożju, intervisti bit-telefon u l-posta, bi s'tħarriġ online bħala alternattiva. Disponibbli fuq: <http://reports.weforum.org/global-competitiveness-report-2012-2013/>

għall-2012-2013, il-Proġett Dinji tal-Ġustizzja (WJP) żviluppa indikatur dwar l-“indipendenza perċepita tal-ġustizzja ċivili”¹⁷ bbażat fuq tveġibiet minn kampjun ta’ popolazzjoni ġenerali u risponenti kkwalifikati. Ta’ min jinnota wkoll li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea¹⁸ u l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem¹⁹ waqt li eżaminaw l-indipendenza tal-ġudikatura ssottolinjaw l-importanza tal-mod kif thidher l-indipendenza ġudizzjarja. Skont il-każistika ta’ dawn il-qrati, l-indipendenza tal-ġudikatura teħtieġ regoli ddettaljati sabiex jitneħħa kull dubju raġonevoli mill-imħuħ tal-individwi fir-rigward l-impermeabbiltà ta’ dak il-korp għal fatturi esterni u n-newtralità tiegħu fir-rigward tal-interessi quddiemu.

3. SEJBIET EWLENIN TAT-TABELLA TA’ VALUTAZZJONI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UE Għall-2013

3.1. Disparitajiet importanti fit-tul tal-proċedimenti

Ġustizzja mtawla hija ġustizzja miċħuda. Id-deċiżjonijiet f’waqthom huma essenzjali għan-negozji u l-investituri. Fid-deċiżjonijiet tagħhom dwar l-investment, il-kumpaniji jqisu r-riskju li jkunu involuti f’tilwim kummerċjali, tilwim fuq ix-xogħol jew it-tassazzjoni jew insolvenzi. L-effiċjenza li biha sistema ġudizzjarja f’pajjiż tindirizza t-tilwim legali hija importanti ħafna. Pereżempju, l-infurzar legali ta’ kuntratt ta’ provvista jew ta’ servizz isir jiswa ħafna flus aktar ma t-tilwim ġudizzjarju jieħu żmien, u saħansitra inutli wara ċertu żmien, peress li tonqos il-probabbiltà li jiġu rkuprati l-flus minn ħlasijiet u pieni.


Id-dejta għaċ-ċarts kollha hija mill-2010, ħlief meta ddikjarat espliċitament. L-Istati Membri fuq in-naħa tal-lemin taċ-ċarts li ma għandhomx valur huma dawk li ma kienx hemm dejta disponibbli dwarhom. Ħlief fil-grafika 4, il-grafiki kollha jikkonċernaw proċedimenti fl-ewwel istanza. Suppost, il-kwalità u l-effiċjenza ta’ sistema ġudizzjarja diġà jiġu riflessi fl-ewwel istanza, peress li l-ewwel istanza hija fażi obligatorja għal kull min jiftaħ kawża l-qorti.

¹⁷ Is-Subindikatur tal-ġustizzja ċivili tad-WJP jindika l-perċezzjonijiet dwar jekk il-ġustizzja ċivili hijiex ħielsa minn influwenza mhux xierqa tal-gvern. Huwa bbażat fuq tveġibiet minn: (1) stħarriġ fost popolazzjoni ġenerali mmexxi mill-kumpaniji lokali ewlenin għall-istħarriġ bl-użu ta’ kampjun rappreżentattiv ta’ 1 000 risponent fl-akbar tliet ibliet f’kull pajjiż (id-dejta nġabret fl-2009, l-2011 jew l-2012, skont il-pajjiż); u (2) kwestjonarji mwiegħa minn risponenti kkwalifikati li jikkonsistu f’mistogsijiet “magħluqa” kompletati minn prattikanti u akkademiċi fil-pajjiż b’għarfien espert fil-liġi ċivili (id-dejta nġabret fl-2012). Id-dejta hija disponibbli taħt l-indikatur 7.4 fuq: http://worldjusticeproject.org/sites/default/files/WJP_Index_Report_2012.pdf

¹⁸ Eż. C-506/04, *Wilson*, [2006] I-8613.


¹⁹ Eż. *Cooper v. Ir-Renju Unit* [GC], Nru 48843/99, ECHR 2003-XII; *Campbell u Fell v. Ir-Renju Unit*, Nri 7819/77 u 7878/77, it-28 ta’ Ġunju 1984, Serje A Nru 80.

Grafika 1: Żmien meħtieġ biex jiġu solvuti kawżi mhux kriminali* (f'jiem) (sors: studju tas-CEPEJ²⁰)



* Il-kawżi mhux kriminali jinkludu kawżi ċivili u kummerċjali, kawżi ta' infurzar, kawżi tar-reġistru tal-artijiet, kawżi tar-reġistru tan-negozju u kawżi tal-liġi amministrattiva.

Grafika 2: Żmien meħtieġ biex jiġu solvuti kawżi ċivili u kummerċjali kontenzjużi* (f'jiem) (sors: studju tas-CEPEJ)




Il-kawżi ċivili (u kummerċjali) kontenzjużi jikkonċernaw tilwim bejn partijiet, pereżempju tilwim fuq kuntratti u l-proċedimenti ta' insolvenza. Min-naħa l-oħra, il-kawżi ċivili (u kummerċjali) mhux kontenzjużi jikkonċernaw proċedimenti mhux ikkontestati, pereżempju, ordnijiet ta' ħlas mhux ikkontestati.

²⁰


Studju dwar il-funzjonament tas-sistemi ġudizzjarji u l-funzjonament tal-ekonomija fl-Istati Membri tal-UE, imħejji fl-2012 mis-CEPEJ għall-Kummissjoni Ewropea. http://ec.europa.eu/justice/index_mt.htm

Grafika 3: Żmien meħtieġ biex jiġu solvuti kawżi amministrattivi* (f'jiem) (sors: studju tas-CEPEJ)



* Il-kawżi tal- liġi amministrattiva jikkonċernaw tilwim bejn iċ-ċittadini u awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali. Il-kawżi tal-liġi amministrattiva huma indirizzati minn qrati amministrattivi speċjali f'xi pajjiżi, u ttrattati minn qrati ċivili f'oħrajn.

Grafika 4: Żmien meħtieġ biex jiġu solvuti kawżi ta' insolvenza* (fi snin) (sors: studju tas-CEPEJ)/ Bank Dinji: Doing Business)




* Iż-żmien għall-kredituri biex jirkupraw il-kreditu tagħhom. Il-perjodu ta' żmien mill-inadempjenza tal-kumpanija sal-ħlas ta' parti mill-flus jew il-flus kollha dovuti lill-bank. Jiġu kkunsidrati t-tattiki ta' dewmien potenzjali mill-partijiet, bħalma huma l-preżentata ta' appelli dilatorji jew talbiet għal estensjoni. Id-dejta tinġabar minn tweġibiet għall-kwestjonarju mill-professionisti ta' insolvenza lokali u vverifikata permezz ta' studju tal-liġijiet u r-regolamenti kif ukoll informazzjoni pubblika dwar is-sistemi ta' falliment.

➤ Il-grafiki ta' hawn fuq juru disparitajiet importanti fit-tul tal-proċedimenti: tal-anqas terz tal-Istati Membri għandhom tul tal-proċedimenti li huwa tal-inqas darbtejn itwal minn dak tal-biċċa l-kbira tal-Istati Membri²¹.


²¹ Meta jiġu kkunsidrati l-grafiki 1, 2 u 3 flimkien.

It-tul tal-proċedimenti huwa marbut mar-rata li biha l-qrati jistgħu jsovvu l-kawżi, ir-“rata tal-ikklijjar”, u man-numru ta’ kawżi li għadhom jistennew li jiġu solvuti (kawżi pendenti). Meta r-rata tal-ikklijjar tkun madwar 100 % jew aktar, dan ifisser li s-sistemi ġudizzjarji għandhom il-kapaċità li tal-inqas isolvu kawżi bl-istess rata li jidħlu. Meta r-rata tal-ikklijjar tkun inqas minn 100 %, dan ifisser li l-qrati jkun qegħdin isolvu inqas kawżi min-numru ta’ kawżi li jkunu deħlin, u b’hekk, fl-aħħar tas-sena n-numru ta’ kawżi mhux solvuti jingħaddu bħala kawżi pendenti. Jekk din is-sitwazzjoni tippersisti għal bosta snin, dan jista’ jkun sinjal ta’ problema sistemika hekk kif ikun hemm xogħol b’lura li jkompli jgħarraq l-ammont ta’ xogħol tal-qrati, u li jwassal sabiex it-tul tal-proċedimenti jkompli jitwal.


Grafika 5: Rata ta’ kawżi mhux kriminali solvuti (f% - valuri ogħla minn 100 % jindikaw li jiġu solvuti iktar kawżi milli jidħlu, filwaqt li valuri inqas minn 100 % jindikaw li jiġu solvuti inqas kawżi milli jidħlu) (sors: studju tas-CEPEJ)



Grafika 6: Rata ta’ soluzzjoni ta’ kawżi ċivili u kummerċjali kontenzjużi (f%) (sors: studju tas-CEPEJ)




Grafika 7: Rata ta' soluzzjoni ta' kawżi amministrattivi (f%) (sors: studju tas-CEPEJ)




➤ **Il-grafiki ta' hawn fuq jindikaw li xi Stati Membri jistgħu jesperjenzaw diffikultajiet fil-kapaċità tagħhom biex isolvu kategoriji partikolari ta' kawżi.**

Il-grafiki 8-10 ta' hawn taħt juri l-għadd ta' kawżi pendenti fil-bidu tas-sena ta' referenza (l-1 ta' Jannar 2010). Dawn il-kawżi pendenti huma r-risultat tal-prestazzjoni tal-qradi matul is-sena preċedenti. Għal din ir-raġuni, rati baxxi ta' każijiet riżolti matul l-2010, kif muri fil-grafiki 5-7 ta' hawn fuq, għadhom mhumiex riflessi fil-grafiki 8-10 ta' hawn taħt dwar l-għadd ta' kawżi pendenti. Żieda fl-għadd ta' kawżi pendenti fi tmiem is-sena se tkun irraportata fl-eżerċizzji futuri.


Grafika 8: Numru ta' kawżi mhux kriminali pendenti (għal kull 100 abitant) (sors: studju tas-CEPEJ)



Grafika 9: Numru ta' kawżi ċivili u kummerċjali pendenti kontenzjużi (għal kull 100 abitant) (sors: studju tas-CEPEJ)



Grafika 10: Numru ta' kawżi amministrattivi pendenti (għal kull 100 abitant) (sors: studju tas-CEPEJ)



- Il-grafiki ta' hawn fuq juru li bosta Stati Membri għandhom numru partikolarment għoli ta' kawżi pendenti.


Bħala konklużjoni, jidher li:

- Ċerti Stati Membri jikkumbinaw fatturi mhux favorevoli: roċedimenti tal-ewwel istanza twal flimkien ma' rati tal-ikklijar baxxi u/jew numru kbir ta' kawżi pendenti. Tali sitwazzjonijiet jistħoqqilhom attenzjoni speċjali u analiżi bir-reqqa hekk kif jistgħu jindikaw li hemm iktar nuqqasijiet sistemiċi li għalihom għandha tittieħed azzjoni ta' rimedju.
- It-tnaqqis fit-tul eċċessiv tal-proċedimenti għandu jingħata prijorità sabiex jittejjeb l-ambjent tan-negożju u jiġi attirat iktar investiment.


3.2. Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni jgħinu fit-tnaqqis tat-tul tal-proċedimenti u biex iżidu l-kwalità tal-ġustizzja

In-nuqqas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni affidabbli jistgħu jagħmluha aktar diffiċli biex ikun hemm titjib fil-funzjonament ta' sistema ġudizzjarja. In-nuqqas ta' kwalità fid-deċiżjoni ġudizzjarja jista' jżid ir-riskji għall-kumpaniji l-kbar u l-SMEs fin-negozju tagħhom u jaffettwa l-għażliet tal-konsumaturi. Jista' jirriżulta f'deċiżjonijiet mgħaġġla jew inqas prevedibbli, proċeduri mhux komprensibbli jew ġustizzja mhux aċċessibbli. Ġestjoni effettiva taż-żmien fir-rigward tal-kawżi l-qorti teħtieġ li l-qrati, il-ġudikatura u l-utenti aħħarin kollha tal-ġustizzja jkunu jistgħu jiġu infurmati dwar il-funzjonament tal-qrati permezz ta' sistema ta' monitoraġġ regolari. Id-definizzjoni ta' politika dwar il-kwalità u l-evalwazzjoni tal-attivitajiet tal-qrati huma għodod li permezz tagħhom tista' tiżdied il-kwalità tal-ġustizzja sabiex jittejjeb l-aċċess għall-ġustizzja, il-fiduċja, il-previdibbiltà u l-puntwalità tad-deċiżjonijiet tal-ġustizzja.

Grafika 11: Disponibbiltà ta' monitoraġġ tal-attivitajiet tal-qrati²² (sors: studju studju tas-CEPEJ)



Grafika 12: Disponibbiltà ta' evalwazzjoni tal-attivitajiet tal-qrati (sors: Rapport tas-CEPJ tal-2012)



²² L-indikaturi fil-grafiki mill-11 sat-22 ikopru l-qrati kollha.


Il-grafiki ta' hawn fuq juru

- li l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri għandhom sistema ta' monitoraġġ komprensiva, iżda bosta Stati Membri qegħdin jaqgħu lura jew ma jaqgħmlux id-dejta disponibbli
- li bosta Stati Membri ma jwettqux evalwazzjonijiet regolari tal-attivitajiet tal-qrati u li l-istandards tal-kwalità mhumiex iddefiniti f'aktar minn nofs l-Istati Membri.

3.3. Is-sistemi tat-Teknoloġija tal-Infommazzjoni u l-Komunikazzjoni jgħinu biex jonqos it-tul tal-proċedimenti u biex jitħaffef l-aċċess għall-ġustizzja

Is-sistemi tal-ICT għar-reġistrazzjoni u l-ġestjoni tal-kawżi huma għodod fundamentali għad-dispożizzjoni tal-qrati għal ġestjoni effettiva taż-żmien tal-kawżi, peress li jgħinu sabiex titjeb ir-rata li biha l-qrati jistgħu jindirizzaw kawżi u b'hekk jonqos it-tul ġenerali tal-proċedimenti.

Grafika 13: Is-sistemi tal-ICT għar-reġistrazzjoni u l-ġestjoni tal-kawżi (indikatur peżat- min=0, mass=4)²³ (sors: studju tas-CEPEJ)




- Il-grafiki ta' hawn fuq juru li l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri għandhom sistema għar-reġistrazzjoni u l-ġestjoni tal-kawżi żviluppata sew; madankollu f'bosta Stati Membri l-iżviluppi għadhom lura.


Is-sistemi tal-ICT għall-komunikazzjoni bejn il-qrati u l-partijiet (eż. sottomissjoni elettronika tat-talbiet) jistgħu jikkontribwixxu għal tnaqqis fid-dewmien u l-kostijiet għaċ-ċittadini u n-negozji billi jħaffu l-aċċess għall-ġustizzja. Is-sistemi tal-ICT għandhom rwol dejjem aktar importanti fil-kooperazzjoni transfruntiera bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji u b'hekk iħaffu l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE.

²³ Il-grafiki 13 u 14 juru indikaturi komposti mibnija minn diversi indikaturi tal-ICT li kull wieħed minnhom ikejjel id-disponibbiltà ta' dawn is-sistemi minn 0 sa 4 (0= disponibbli f'0 % tal-qrati; 4=disponibbli f'100 % tal-qrati).

Grafika 14: Komunikazzjoni elettronika bejn il-qrati u l-partijiet (indikator peżat -min=0, mass=4) (sors: studju tas-CEPEJ)




Grafika 15: Ipproċessar elettroniku ta' pretensjonijiet żgħar* (0 = disponibbli f'0 % tal-qrati; 4.= disponibbli f'100 % tal-qrati) (sors: studju tas-CEPEJ)




* Il-kunċett ta' "talbiet żgħar" jindika kawża ċivili li fiha, il-valur monetarju tat-talba huwa relattivament baxx (il-valur ivarja bejn l-Istati Membri).

Grafika 16: Ipproċessar elettroniku ta' rkupru ta' dejn mhux ikkontestat* (0 = disponibbli f'0 % tal-qrati; 4.= disponibbli f'100 % tal-qrati) (sors: studju tas-CEPEJ)



Grafika 17: Sottomissjoni elettronika ta' talbiet (0 = disponibbli f'0 % tal-qrati; 4.= disponibbli f'100 % tal-qrati) (sors: studju tas-CEPEJ)




➤ **Il-grafiki ta' hawn fuq juru disparitajiet kbar bejn l-Istati Membri fl-iżvilupp tas-sistemi tal-ICT għall-iskambju ta' informazzjoni bejn il-qrati u l-partijiet.**

3.4. Il-metodi ta' Soluzzjoni Alternattiva tat-Tilwin jgħinu fit-tnaqqis tal-ammont ta' xogħol tal-qrati

Il-medjazzjoni effettiva u l-metodi ta' soluzzjoni alternattiva tat-tilwim (ADR) jipprovdu soluzzjoni bikrija bejn il-partijiet fuq bażi volontarja, inaqqsu n-numru ta' kawżi pendenti u għalhekk jisatgħu jħallu impatt pożittiv importanti fuq l-ammont ta' xogħol tal-qrati, li mbagħad ikunu f'pożizzjoni aħjar biex iżommu perjodi ta' żmien raġonevoli. Il-metodi ta' ADR ta' kwalità għolja jistgħu jkunu alternattiva kredibbli għall-proċeduri ġudizzjarji tradizzjonali u jistgħu jikkontribwixxu għal kultura ta' soluzzjoni paċifika tat-tilwim.

Grafika 18: Disponibbiltà ta' metodi ta' soluzzjoni alternattiva tat-tilwim (sors: studju tas-CEPEJ)




- Il-grafiki ta' hawn fuq juru li kważi fl-Istati Membri kollha hemm metodi tal-ADR disponibbli, iżda l-evidenza dwar l-użu tagħhom fit-tilwim kummerċjali spiss ma tkunx aċċessibbli.
- L-Istati Membri għandhom iħeġġu d-disponibbiltà u l-kwalità ta' medjazzjoni u ta' metodi oħrajn tal-ADR.

3.5. Il-promozzjoni tat-taħriġ tal-imħallfin tista' tgħin biex titjeb l-effettività tal-ġustizzja

Il-politiki tat-taħriġ jistgħu jkunu parti mill-istandards ta' kwalità għall-ġudikatura. It-taħriġ inizjali u kontinwu huwa importanti biex jinżammu jew jittkattu l-għarfien u l-ħiliet tal-persunal tal-ġustizzja. It-taħriġ huwa partikolarment importanti fid-dawl tal-iżvilupp kontinwu tal-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE, il-persjoni akbar biex jintlaħqu l-aspettattivi tal-utenti aħħarin u x-xejriet lejn il-ġestjoni professjonali fi ħdan il-ġudikatura. Għad li t-taħriġ volontarju għall-imħallfin hija prattika normali f'ċerti Stati Membri, it-taħriġ obligatorju għall-imħallfin jindika impenn għall-promozzjoni ta' għarfien u ħiliet aġġornati għall-imħallfin.

Grafika 19: Taħriġ obligatorju għat-taħriġ tal-imħallfin (sors: Rapport tas-CEPJ tal-2012)²⁴




➤ **Il-grafika ta' hawn fuq turi li l-politiki dwar it-taħriġ kontinwu obligatorju għall-imħallfin huma differenti ħafna bejn l-Istati Membri.**

3.6. Riżorsi

Biex jiġu żgurati l-kwalità, l-indipendenza u l-effiċjenza ta' sistema ġudizzjarja nazzjonali, hemm bżonn ta' riżorsi finanzjarji u umani xierqa, filwaqt li jitqiesu t-tradizzjonijiet legali differenti. F'dan il-kuntest, id-dejta tista' tkun influwenzata wkoll min-natura kontradittorja jew inkwiżitorjali ta' sistema ġudizzjarja. L-investment f'sistema ġudizzjarja organizzata sew jista' jkun ta' kontribut siewi għat-tkabbir sostenibbli.

Grafika 20: Baġit għall-qrati* (f'EUR għal kull abitant) (sors: studju tas-CEPEJ)




* Il-baġit pubbliku annwali appovat (mhux dak li fil-fatt jiġi eżegwit) li huwa allokat għall-funzjonament tal-qrati kollha (qrati ċivili, kummerċjali u kriminali, mingħajr is-servizzi tal-prosekuzzjoni pubblika u mingħajr għajjuna legali), ikun xi jkun is-sors ta' dan il-baġit. Għall-Istati Membri tal-UE li l-baġit annwali totali appovat tagħhom allokat lill-qrati kollha ma jstax jiġi sseparat miċ-ċifri għad-dipartiment tal-prosekuzzjoni pubblika (BE, DE, ES,

²⁴ It-tliet Stati Membri fuq in-naħa tal-lemin fl-aħħar ta' din iċ-ċart ma għandhomx taħriġ obligatorju għall-imħallfin.


EL, FR, LU, AT), iċ-ċart tirrifletti ċ-ċifra totali (għal BE, ES u AT iċ-ċifra tinkludi wkoll l-għajnuna legali). Fejn ikun xieraq, il-baġit annwali approvat li huwa allokat għall-funzjonment tal-qrati kollha jinkludi l-baġit kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell tal-entitajiet reġjonali jew federali.

Grafika 21: Numru ta' mħallfin* (għal kull 100 000 abitant) (sors: studju tas-CEPEJ)



*Il-kategorija tikkonsisti f'imħallfin li jaħdmu full-time u, fejn ikun xieraq, flimkien mal-hekk imsejja Rechtspfleger/skrivani tal-qorti, li għandhom l-awtorità li jieħdu deċiżjonijiet u/jew jaqtgħu sentenza huma stess.

Grafika 22: Numru ta' avukati* (għal kull 100 000 abitant) (sors: studju tas-CEPEJ)




* Avukat huwa persuna kkwalfikata u awtorizzata skont il-liġi nazzjonali biex tinvoka u taġixxi f'isem il-klijenti tiegħu, biex jinvolvi ruħu fil-prattika tal-liġi, biex jidher quddiem il-qrati jew jagħti pariri u jirrappreżenta lill-klijenti tiegħu fi kwistjonijiet legali (Rakkomandazzjoni Rec(2000)21 tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-libertà ta' eżerċizzju tal-professjoni ta' avukat).

- Il-grafiki ta' hawn fuq juru approċċi differenti fir-rigward tar-riżorsi finanzjarji u umani fis-sistemi ġudizzjarji, inkluż fost l-Istati Membri b'tul simili tal-proċedimenti.


3.7. Disparità fil-perċezzjoni tal-indipendenza

L-indipendenza pperċepita tal-ġudikatura hija wkoll fattur li jsaħħaħ it-tkabbir. Peress li l-indipendenza tal-ġudikatura tiggarrantixxi l-previdibbiltà, iċ-ċertezza, il-ġustizzja u l-istabbiltà tas-sistema legali li joperaw fiha n-negozji, nuqqas perċepit fl-indipendenza jista' jkun ta' deterrent għall-investituri. Bħala regola ġenerali, il-ġustizzja ma għandhiex biss issir, iżda trid anki tidher li qed issir f'għajnejn dawk involuti. L-indipendenza tal-ġudikatura hija wkoll rekwiżit li joħroġ mid-dritt ta' rimedju effettiv stabbilit fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.

Grafika 23: Indipendenza ġudizzjarja (perċezzjoni - valur ogħla jfisser perċezzjoni aħjar)
(sors: Forum Ekonomiku Dinji)²⁵



Grafika 24: Indipendenza tal-ġustizzja ċivili (perċezzjoni - valur ogħla jfisser perċezzjoni aħjar)
(sors: Il-Proġett Dinji tal-Ġustizzja)



²⁵ L-istħarriġ twieġeb minn kampjun rappreżentattiv ta' ditti kbar u ditti oħrajn fil-pajjiżi kollha li jirrappreżentaw is-setturi ewlenin tal-ekonomija (l-agrikoltura, l-industrija tal-manifattura, l-industrija mhux tal-manifattura, u s-servizzi).

- **Minkejja li diversi Stati Membri huma fost l-ewwel għaxra madwar id-dinja f'termini tal-perċezzjoni tal-indipendenza ġudizzjarja, il-grafiki ta' hawn fuq xorta juru livell kemmxejn baxx ta' perċezzjoni tal-indipendenza ġudizzjarja mill-utenti aħħarin tan-negozju tas-sistema ġudizzjarja f'ċerti Stati Membri. Dawn is-sejbiet jistħoqqilhom attenzjoni speċjali u valutazzjoni aktar bir-reqqa għaliex jeżisti nuqqas ta' fiduċja f'ċerti Stati Membri.**

4. SEGWITU GĦAS-SEJBIET TAT-TABELLA TA' VALUTAZZJONI GĦALL-2013

4.1. Segwitu fil-kuntest tar-riformi ġudizzjarji fl-Istati Membri

Is-sejbiet ewlenin tat-Tabella ta' Valutazzjoni għall-2013 jixħtu dawl fuq l-oqsma ta' prijorità li hemm bżonn li jiġu indirizzati. Il-Kummissjoni sejra tibdel dawn il-prijoritajiet fl-azzjonijiet li ġejjin:

- Il-kwistjonijiet identifikati fit-Tabella ta' Valutazzjoni ser ikunu kkunsidrati fit-thejjja tal-analiżi speċifika għall-pajjiż li jmiss tas-Semestru Ewropew għall-2013. Dawn sejin iservu wkoll ta' gwida fil-kuntest tal-Programmi ta' Aġġustamenti Ekonomiċi.
- Il-Kummissjoni pproponiet li l-Fondi Soċjali u ta' Żvilupp Reġjonali jkunu disponibbli għar-riformi tas-sistemi ġudizzjarji fil-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss.

4.2. L-indirizzar tan-nuqqas ta' dejta

L-esperjenza bit-Tabella ta' Valutazzjoni għall-2013 tiżvela d-diffikultà fil-ġbir ta' dejta affidabbli u paragonabbli. Il-komparabbiltà tad-dejta hija sfida peress li s-sistema u l-proċeduri tal-ġustizzja nazzjonali jvarjaw b'mod notevoli u xi Stati Membri ma jużawx definizzjonijiet standard għad-dejta ta' monitoraġġ.

Minkejja l-medja tajba tal-UE f'dak li għandu x'jaqsam mal-eżistenza ta' sistemi ta' monitoraġġ, uħud mill-Istati Membri ma jiġbrux dejta b'tali mod li jkunu jistgħu jsiru evalwazzjoni u paragon oġġettivi ma' Stati Membri oħrajn. Minbarra d-diffikultà biex tinkiseb dejta paragonabbli, hemm dejta nieqsa għal kważi l-Istati Membri kollha fuq kwistjonijiet bħall-kostijiet tal-proċedimenti, il-miżuri interim, il-kawżi ta' medjazzjoni u l-proċeduri ta' infurzar.

Fid-dawl tal-importanza tal-funzjonament tajjed tas-sistemi ġudizzjarji nazzjonali għall-kisba tal-oġġettivi tal-Unjoni, l-Istati Membri kollha għandhom jindirizzaw, bi prijorità, il-ġbir ta' dejta imparzjali, affidabbli, oġġettiva u kumparabbli u jagħmluha disponibbli biex jappoġġaw dan l-eżerċizzju. Hemm interess reċiproku mill-Istati Membri u l-ġudikaturi nazzjonali biex jiżviluppaw il-ġbir ta' tali dejta biex il-politiki tal-ġustizzja jiġu ddefiniti aħjar.

F'dan ir-rigward, ir-rwol tas-CEPEJ huwa partikolarment relevanti u l-Kummissjoni tissottolinja l-importanza li l-Istati Membri kollha jikkoperaw bis-siġh mas-CEPEJ fil-forniment tad-dejta.

Il-Kummissjoni sejra teżamina wkoll modi biex ittejjeb il-ġbir tad-dejta, b'mod partikolari għandha l-ħsieb li:

- tuża studji mmirati fuq il-post dwar kif jaħdmu s-sistemi ġudizzjarji fil-prattika meta tiġi applikata ċerta leġislazzjoni tal-UE relatata mat-tkabbir u s-fharriġ kwalitattiv tal-Eurobarometer għall-ġbir tal-opinjoni tal-ġuristi u diversi utenti aħħarin;
- teżamina man-netwerks ta' mħallfin u awtoritajiet ġudizzjarji kif tista' tittejjeb il-kwalità u d-disponibbiltà tad-dejta paragaunabbli fil-livell nazzjonali, kif ukoll fir-rigward tal-indipendenza strutturali tal-ġudikatura;
- tixtarr mal-Eurostat kif tista' ttejjeb il-ġbir ta' dejta paragonabbli għall-iktar indikaturi importanti.

4.3. Passi ulterjuri

Il-kwalità, l-indipendenza u l-effiċjenza tas-sistemi ġudizzjarji huma komponenti strutturali importanti ta' tkabbir sostenibbli u stabbiltà soċjali fl-Istati Membri kollha u huma fundamentali għall-implimentazzjoni effettiva tal-liġi tal-UE. Fuq il-bażi ta' din it-Tabella ta' Valutazzjoni, il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri, lill-Parlament Ewropew²⁶, u lill-partijiet interessati kollha għal djalogu miftuħ u kollaborazzjoni kostruttiva għal titjib kontinwu tas-sistemi ġudizzjarji nazzjonali fl-UE fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, tal-istrateġija dwar it-tkabbir tal-Ewropa "Ewropa 2020", it-tisħiħ tas-Suq Uniku u l-Aġenda ta' Ċittadini tal-UE.

F'perspettiva aktar fit-tul, il-Kummissjoni għandha l-pjan li tnedi dibattitu usa' dwar ir-rwol tal-Ġustizzja fl-UE u fil-21 u t-22 ta' Novembru 2013 sejra torganizza l-Assises de la justice, konferenza ta' livell għoli li se tlaqqa' flimkien rappreżentanti għolja fit-tfassil tal-politika fuq il-livell Ewropew u nazzjonali, imħallfin minn qrati supremi u qrati oħrajn, awtoritajiet ġudizzjarji, professjonijiet legali u l-partijiet interessati kollha. Riflessjoni konġunta bħal din hija indispensabbli għall-iżvilupp ta' żona Ewropea ġenwina ta' ġustizzja li tissodisfa l-aspettattivi ta' ċittadini u tikkontribwixxi għat-tkabbir sostenibbli imsejjes fuq l-istat tad-dritt u valuri oħra li fuqhom hija mibnija l-Unjoni.

²⁶ B'mod partikolari l-Kumitat għall-Affarijiet Legali (JURI), il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE) u l-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (ECON).